REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/453

tat-15 ta' Marzu 2021

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar għar-riskju tas-suq

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 430(6) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-2019, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (Basel Committee on Banking Supervision, BCBS) ippubblika r-reviżjoni tar-"Rekwiżiti kapitali minimi għar-riskju tas-suq", bil-għan li jindirizza d-dgħufijiet fit-trattament prudenzjali li jagħti l-banek lill-attivitajiet tal-portafoll tan-negozjar u introduċa, fost l-oħrajn, ir-rekwiżit għal approċċ standardizzat sensittiv għar-riskju tas-suq, li huwa mfassal u kkalibrat biex iservi ta' riżerva kredibbli għall-approċċ tal-mudelli interni.

(2) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 biex jintroduċi fil-qafas prudenzjali tal-Unjoni r-rekwiżit għall-istituzzjonijiet li jirrapportaw informazzjoni dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont dan l-approċċ standardizzat alternattiv u sensittiv għar-riskju.

(3) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti uniformi ta' rapportar dwar il-fondi proprji skont dan l-approċċ standardizzat alternattiv fir-rigward tar-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 430b tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u f'konformità mal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 461a ta' dak ir-Regolament.

(4) Skont l-Artikolu 430b(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' rapportar għar-riskju tas-suq stabbiliti f'dak l-Artikolu jenħtieġ li japplikaw mid-data tal-applikazzjoni tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 461a ta' dak ir-Regolament. Għalhekk huwa xieraq li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun tikkoniċidi mad-data tal-applikazzjoni ta' dak l-att delegat.

(5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE).

(6) L-ABE wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kosti u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Konċernati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

([1]) ĠU L, 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rapportar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dati ta' referenza u dati ta' rapportar

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 430b, 94 (1) u 325a (1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 lill-awtoritajiet kompetenti fuq bażi trimestrali kif din l-informazzjoni tkun tinsab fil-31 ta' Marzu, it-30 ta' Ġunju, it-30 ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol tal-jiem li ġejjin: it-12 ta' Mejju, il-11 ta' Awwissu, il-11 ta' Novembru u l-11 ta' Frar.

3. Meta l-jum imsemmi fil-paragrafu 2 ma jkunx jum tax-xogħol fl-Istat Membru tal-awtorità kompetenti li lilha għandha tiġi rrapportata l-informazzjoni, jew ikun is-Sibt jew il-Ħadd, l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata sa tmiem il-ġurnata tax-xogħol tal-jum tax-xogħol li jsegwi.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti kull korrezzjoni fl-informazzjoni rrapportata mingħajr dewmien bla bżonn.

Artikolu 2

Rapportar dwar il-limiti stabbiliti fl-Artikoli 94(1) u 325a(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw informazzjoni dwar id-daqs tan-negozju tagħhom fil-karta bilanċjali u barra minnha li huwa soġġett għar-riskju tas-suq, u dwar id-daqs tal-portafoll tan-negozjar tagħhom, fuq bażi individwali jew fuq bażi konsolidata, kif applikabbli, billi jużaw il-mudell 90 tal-Anness I u f'konformità mal-istruzzjonijiet tat-Taqsima 1 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Rapportar dwar l-approċċ standardizzat alternattiv

L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw ir-riżultati tal-kalkoli bbażati fuq l-approċċ standardizzat alternattiv kif imsemmi fl-Artikolu 430b(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fuq bażi individwali jew fuq bażi konsolidata, kif applikabbli, billi jużaw il-formola 91 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u f'konformità mal-istruzzjonijiet tat-Taqsima 2 tal-Parti II tal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Formati tal-iskambju tad-*data*u informazzjoni assoċjata mal-preżentazzjonijiet

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 ta' dan ir-Regolament fil-formati u r-rappreżentazzjonijiet tal-iskambju tad-*data* speċifikati mill-awtorità kompetenti tagħhom u għandhom jirrispettaw id-definizzjoni tal-punt tad-*data* tal-mudell tal-punt tad-*data* u l-formuli ta' validazzjoni stabbiliti fl-Anness III.

2. Informazzjoni mhux meħtieġa jew mhux applikabbli ma għandhiex tiġi inkluża fil-preżentazzjoni tad-*data*.

3. Il-valuri numeriċi għandhom jiġu ppreżentati kif ġej:

(a) punti tad-*data* bit-tip ta' *data* "Monetarja" għandhom jiġu rrapportati bl-użu minimu ta' preċiżjoni ekwivalenti għal eluf ta' unitajiet;

(b) punti tad-*data* bit-tip ta' *data* "Perċentwali" għandhom jiġu espressi għal kull unità b'minimu ta' preċiżjoni ekwivalenti għal erba' pożizzjonijiet deċimali;

(c) punti tad-*data* bit-tip ta' *data* "Numru Sħiħ" għandhom jiġu rrapportati billi ma jintużawx deċimali u preċiżjoni ekwivalenti għal unitajiet.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiġu identifikati biss permezz tal-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (Legal Entity Identifier, LEI) tagħhom. L-entitajiet ġuridiċi u l-kontropartijiet għajr l-istituzzjonijiet għandhom jiġu identifikati permezz tal-LEI tagħhom fejn dan ikun disponibbli.

5. L-informazzjoni rrapportata mill-istituzzjonijiet għandha tkun assoċjata ma' dan li ġej:

(a) ir-rapportar tad-*data* ta' referenza u l-perjodu ta' referenza;

(b) il-munita tar-rapportar;

(c) l-istandard tal-kontabilità;

(d) l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI) tal-istituzzjoni tar-rapportar;

(e) l-ambitu tal-konsolidazzjoni.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika tat-5 ta' Ottubru 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, tat-15 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TA' RAPPORTAR GĦAR-RISKJU TAS-SUQ

MUDELLI COREP			
Numru tal-mudell	**Kodiċi tal-mudell**	**Isem tal-mudell/grupp ta' mudelli**	**L-isem fil-qosor**
		Limiti	
90	C 90.00	LIVELLI LIMITU TAL-PORTAFOLL TAN-NEGOZJAR U TAR-RISKJU TAS-SUQ	OTK
		Approċċ Standardizzat Alternattiv għar-riskju tas-suq	
91	C 91.00	REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI	MKR ASA SUM

C 90.00 Il-portafoll tan-negozjar u l-limiti tar-riskju tas-suq (OTK)

		Negozju fil-karta bilanċjali u barra minnha soġġett għal riskju tas-suq							Assi totali
			Tqassim skont il-ktieb regolatorju					f'% tal-assi totali	
			Portafoll tan-negozjar			Portafoll mhux tan-negozjar			
			li minnhom: Operazzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar għall-finijiet tal-Artikolu 94 CRR		Pożizzjonijiet soġġetti għar-riskju tal-kambju	Pożizzjonijiet soġġetti għar-riskju tal-komoditajiet		
			Total	f'% tal-assi totali				
		0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080
0010	**Xahar 3**								
0020	**Xahar 2**								
0030	**Xahar 1**								

C 91.00 Approċċ Standardizzat Alternattiv: Sommarju (MKR ASA SUM)

			Pożizzjonijiet soġġetti għal metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet														
			Sensittivitajiet delta mhux ponderati			Rekwiżiti ta' fondi proprji skont ix-xenarji differenti											
						Xenarju ta' korrelazzjoni baxxa				Xenarju ta' korrelazzjoni medja				Xenarju ta' korrelazzjoni għolja			
			Pożittiv	Negattiv	Sensittivitajiet netti għal kull klassi ta' riskju	Riskju Delta	Riskju Vega	Riskju ta' Kurvatura	Total	Riskju Delta	Riskju Vega	Riskju ta' Kurvatura	Total	Riskju Delta	Riskju Vega	Riskju ta' Kurvatura	Total
			0010	0020	0030	0040	0050	0060	0070	0080	0090	0100	0110	0120	0130	0140	0150
0010	Total (Approċċ standardizzat alternattiv)																
0020	Metodu bbażat fuq is-sensittività	Riskju ġenerali tar-rata tal-imghax (GIRR)															
0030		Riskju tal-firxa tal-kreditu għal nontitolizzazzjonijiet (CSR)															
0040		Riskju ta' firxiet tal-kreditu għal titolizzazzjoni mhux inkluża fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni alternattiva (non-ACTP CSR)															
0050		Riskju ta' firxiet tal-kreditu għal titolizzazzjoni inkluża fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni alternattiva (ACTP CSR)															
0060		Riskju tal-ekwità (EQU)															
0070		Riskju tal-komoditajiet (COM)															
0080		Riskju tal-kambju (FX)															
0090	Riskju ta' inadempjenza	Nontitolizzazzjonijiet															
0100		Titolizzazzjoni mhux inkluża fil-portafoll alternattiv ta' negozjar ta' korrelazzjoni (non-ACTP)															
0110		Titolizzazzjoni inkluża fil-portafoll alternattiv ta' negozjar ta' korrelazzjoni (ACTP)															
0120	Riskju residwu	Sottostanti eżotiċi															
0130		Riskji residwi oħra															

			Pożizzjonijiet soġġetti għar-riskju ta' inadempjenza		Pożizzjonijiet soġġetti għal riskju residwu	Rekwiżiti ta' fondi proprji	L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju
			Ammonti grossi ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija (jump-to-default, JTD)		Valur nozzjonali gross		
			Twal	Qosra			
			0160	0170	0180	0190	0200
0010	**Total (Approċċ standardizzat alternattiv)**						
0020	**Metodu bbażat fuq is-sensittività**	**Riskju ġenerali tar-rata tal-imgħax (GIRR)**					
0030		**Riskju tal-firxa tal-kreditu għal nontitolizzazzjonijiet (CSR)**					
0040		**Riskju ta' firxiet tal-kreditu għal titolizzazzjoni mhux inkluża fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni alternattiva (non-ACTP CSR)**					
0050		**Riskju ta' firxiet tal-kreditu għal titolizzazzjoni inkluża fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni alternattiva (ACTP CSR)**					
0060		**Riskju tal-ekwità (EQU)**					
0070		**Riskju tal-komoditajiet (COM)**					
0080		**Riskju tal-kambju (FX)**					
0090	**Riskju ta' inadempjenza**	**Nontitolizzazzjonijiet**					
0100		**Titolizzazzjoni mhux inkluża fil-portafoll alternattiv ta' negozjar ta' korrelazzjoni (non-ACTP)**					
0110		**Titolizzazzjoni inkluża fil-portafoll alternattiv ta' negozjar ta' korrelazzjoni (ACTP)**					
0120	**Riskju residwu**	**Sottostanti eżotiċi**					
0130		**Riskji residwi oħra**					

ANNESS II

STRUZZJONIJIET GĦALL-MILI TAL-MUDELLI FL-ANNESS I DWAR REKWIŻITI SPEĊIFIĊI TAR-RAPPORTAR GĦAR-RISKJU TAS-SUQ

PARTI I: STRUZZJONIJIET ĠENERALI

1. Struttura u konvenzjonijiet

1.1. Struttura

1. Għall-finijiet tar-rapportar tal-informazzjoni skont dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, l-istituzzjonijiet iridu jimlew żewġ mudelli separati:

(a) mudell għar-rapportar tal-informazzjoni dwar il-limiti stabbiliti fl-Artikoli 94 u 325a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u

(b) mudell għar-rapportar tas-sommarju tal-pożizzjonijiet u tar-rekwiżiti teoretiċi tal-fondi proprji abbażi tal-approċċ standardizzat alternattiv.

1.2. Konvenzjoni tal-enumerazzjoni

2. Il-konvenzjonijiet segwenti jintużaw fir-referenzi għall-kolonni, ir-ringieli u ċ-ċelloli tal-mudelli f'dawn l-istruzzjonijiet u r-regoli ta' validazzjoni użati għall-validazzjoni tal-informazzjoni rrapportata:

(a) fl-istruzzjonijiet tintuża n-notazzjoni ġenerali segwenti: {Mudell;Ringiela;Kolonna};

(b) fil-każ ta' referenzi jew regoli ta' validazzjoni f'mudell, li jirreferu biss għal punti tad-*data* ta' dak il-mudell jew jużaw biss lilhom, il-mudell mhuwiex speċifikat: {Ringiela;Kolonna};

(c) fil-każ ta' mudelli b'kolonna waħda biss, issir referenza għar-ringieli biss: {Mudell;Ringiela};

(d) sinjal ta' asterisk jintuża biex jesprimi li r-regola ta referenza jew validazzjoni tapplika għar-ringieli jew għall-kolonni speċifikati qabel.

1.3. Il-konvenzjoni dwar is-sinjali

3. Kull ammont li jżid il-fondi proprji jew ir-rekwiżiti tal-fondi proprji għandu jiġi rrapportat bħala ċifra pożittiva. Kull ammont li jnaqqas it-total tal-fondi proprji jew tar-rekwiżiti tal-fondi proprji għandu jiġi rrapportat bħala ċifra negattiva. Meta jkun hemm sinjal negattiv (-) qabel id-dežinjazzjoni ta' element, ma jkun mistenni li tiġi rrapportata ebda ċifra pożittiva għal dak l-element.

1.4. Taqsiriet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 huwa dežinjat bħala "CRR".

PARTI II: STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-MUDELL

1. C 90.00 – Il-portafoll tan-negozjar u l-limiti tar-riskju tas-suq

1.1. Kummenti ġenerali

4. L-informazzjoni li tingħata f'dan il-mudell għandha tirrifletti r-riżultat tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 94 CRR (deroga għal negozju żgħir fil-portafoll tan-negozjar), u d-daqs tan-negozju fil-karta bilanċjali u barra minnha ta' istituzzjoni li jkun soġġett għar-riskju tas-suq ikkalkolat skont l-Artikolu 325a CRR. Din l-informazzjoni tiddetermina jekk japplikax l-obbligu li tiġi rrapportata informazzjoni dwar l-"approċċ standardizzat alternattiv" jew l-"approċċ ta' mudelli interni alternattivi" msemmijin fl-Artikolu 430 CRR.

1.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

5. Ir-riżultat tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 94 CRR u l-informazzjoni dwar id-daqs tan-negozju fil-karta bilanċjali u barra minnha ta' istituzzjoni soġġett għar-riskju tas-suq ikkalkolati skont l-Artikolu 325a CRR għandhom jiġu rrapportati separatament għal kull tmiem ix-xahar fit-trimestru li għalih jirreferi r-rapport fir-ringieli minn 0010 sa 0030.

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0010	**Xahar 3** *Data* sa tmiem it-tielet xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport
0020	**Xahar 2** *Data* sa tmiem it-tieni xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport
0030	**Xahar 1** *Data* sa tmiem l-ewwel xahar tat-trimestru li għalih jirreferi r-rapport

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
0010	**Negozju fil-karta bilanċjali u barra minnha soġġett għal riskju tas-suq** Artikolu 325 a(2) CRR L-istituzzjonijiet jirrapportaw l-ammont assolut li jirrifletti n-negozju tal-istituzzjoni fil-karta bilanċjali u barra minnha soġġett għar-riskju tas-suq ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 325a(2) CRR.
0020 – 0060	**Tqassim skont il-ktieb regolatorju** In-negozju fil-karta bilanċjali u barra minnha soġġett għar-riskju tas-suq għandu jiġi diżaggregat skont il-portafoll tan-negozjar u l-portafoll mhux tan-negozjar.
0020	**Portafoll tan-negozjar** Il-punti (a), (c) u (f) tal-Artikolu 325a(2) CRR
0030 – 0040	**li minnhom: Operazzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar għall-finijiet tal-Artikolu 94 CRR** L-Artikolu 94(3) CRR Kif jesiġi l-punt (b) tal-Artikolu 94(3) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw il-valuri tas-suq sal-aħħar jum tax-xahar; meta l-valuri tas-suq ma jkunux disponibbli, il-valuri ġusti fl-istess data, jew, fejn il-valuri tas-suq u l-valuri ġusti ma jkunux disponibbli f'dik id-data partikolari, l-aktar valur tas-suq jew valur ġust riċenti.
0030	**Total** L-Artikolu 94(3) CRR L-ammont assolut ta' pożizzjonijiet twal u qosra għandu jingħadd kif jirrikjedi l-punt (c) tal-Artikolu 94(3) CRR.
0040	**f'% tal-assi totali** Il-punt (a) tal-Artikolu 94(1) CRR Id-daqs tal-portafoll tan-negozjar għall-finijiet tal-Artikolu 94 CRR għandu jiġi espress bħala perċentwal tal-assi totali.
0050 – 0060	**Portafoll mhux tan-negozjar** Il-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 325a(2) CRR Pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar soġġetti għar-riskju tas-suq għandhom jiġu rrapportati diżaggregati f'pożizzjonijiet soġġetti għar-riskju tal-kambju u pożizzjonijiet soġġetti għar-riskju tal-komoditajiet. L-ammonti rilevanti għandhom jiġu ddeterminati skont il-punti (d) u (e) tal-Artikolu 325a(2) CRR.

0070	**f'% tal-assi totali** Il-punt (a) tal-Artikolu 325a(1) CRR In-negozju fil-karta bilanċjali u barra minnha soġġett għar-riskju tas-suq għandu jiġi espress bħala perċentwal tal-assi totali.
0080	**Assi totali** Il-punt (a) tal-Artikolu 94(1) CRR Il-punt (a) tal-Artikolu 325a(1) CRR

2. C 91.00 – Ir-Riskju tas-Suq: Sommarju tal-Approċċ Standardizzat Alternattiv (MKR ASA SUM)

2.1. Kummenti Ġenerali

6. Dan il-mudell jipprovdi informazzjoni fil-qosor dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-Riskju tas-Suq skont l-Approċċ Standardizzat Alternattiv (ASA), stabbilit fil-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR.

7. Skont l-Approċċ Standardizzat Alternattiv (ASA), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq fir-rigward tal-portafoll ta' pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar jew pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għar-riskju tal-kambju jew tal-komoditajiet bħala s-somma tat-tliet komponenti segwenti:

(a) Ir-rekwiżit ta' fondi proprji skont il-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet kif stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR;

(b) Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza kif stabbilit fit-Taqsima 5 tal-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR għal pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar;

(c) Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji residwi kif stabbilit fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR għal pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar.

2.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
0010 – 0150	**Pożizzjonijiet soġġetti għal metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati skont il-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet għal riskji delta, vega u kurvatura għal strumenti b'opzjonalità u mingħajrha, kif applikabbli, għandhom jiġu rrapportati separatament u bħala somma fil-mudell. Il-proċess biex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji speċifiċi għall-klassi tar-riskju għandu jitwettaq għal tliet xenarji differenti għal kull klassi ta' riskju, li għandhom jiġu riflessi fit-taqsima separata tal-mudell: — ix-xenarju ta' korrelazzjoni baxxa fil-kolonni minn 0040 sa 0070; — ix-xenarju ta' korrelazzjoni medja fil-kolonni minn 0080 sa 0110; — ix-xenarju ta' korrelazzjoni għolja fil-kolonni minn 0120 sa 0150.
0010 – 0030	**Sensittivitajiet delta mhux ponderati**
0010	**Sensittivitajiet delta mhux ponderati – Pożittivi** L-Artikolu 325f(3) u l-Artikolu 325r CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittività tal-portafoll tagħhom għal kull fattur ta' riskju fil-klassi ta' riskju f'konformità mal-Artikolu 325f(3) CRR. Għandhom jirrapportaw is-somma tas-sensittivitajiet pożittivi kollha għall-fatturi ta' riskju delta fil-klassi ta' riskju.

0020	**Sensittivitajiet delta mhux ponderati – Negattivi** L-Artikolu 325f(3) u l-Artikolu 325r CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittività tal-portafoll tagħhom għal kull fattur ta' riskju fil-klassi ta' riskju f'konformità mal-Artikolu 325f (3) CRR. Huma għandhom jirrapportaw is-somma tas-sensittivitajiet negattivi kollha għall-fatturi ta' riskju delta fil-klassi ta' riskju.
0030	**Sensittivitajiet delta mhux ponderati – Sensittivitajiet netti għal kull klassi ta' riskju** L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw is-somma netta tas-sensittivitajiet pożittivi kollha u s-sensittivitajiet negattivi kollha lill-fatturi ta' riskju delta differenti fil-klassi ta' riskju.
0040, 0080, 0120	**Riskju Delta** Il-punt (a) tal-Artikolu 325e(1) u l-Artikolu 325f CRR L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji speċifiku għall-klassi tar-riskju fir-rigward tar-riskju delta msemmi fl-Artikolu 325f(8) CRR fix-xenarju applikabbli.
0050, 0090, 0130	**Riskju Vega** Il-punt (b) tal-Artikolu 325e(1) u l-Artikolu 325f CRR L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji speċifiku għall-klassi tar-riskju fir-rigward tar-riskju vega msemmi fl-Artikolu 325f(8) CRR fix-xenarji applikabbli.
0060, 0100, 0140	**Riskju ta' Kurvatura** Il-punt (c) tal-Artikolu 325(1) u l-Artikolu 325 g CRR
0070, 0110, 0150	**Total** L-Artikolu 325h(3) CRR. Għal kull xenarju l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji speċifiċi għall-klassi ta' riskju delta, vega u kurvatura.
0160 – 0170	**Pożizzjonijiet soġġetti għar-riskju ta' inadempjenza – Ammonti grossi ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija (jump-to-default, JTD)** L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammonti grossi ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija għall-iskoperturi tagħhom għal strumenti mhux ta' titolizzazzjoni kkalkolati skont l-Artikolu 325w CRR, għal titolizzazzjonijiet mhux inklużi fl-ACTP determinati skont l-Artikolu 325z ta' dak is-CRR, u għal skoperturi ta' titolizzazzjoni u skoperturi mhux ta' titolizzazzjoni inklużi fl-ACTP determinati skont l-Artikolu 325ac CRR b'diżaggregazzjoni bejn skoperturi twal u qosra.
0160	**Twal**
0170	**Qosra**
0180	**Pożizzjonijiet soġġetti għal riskju residwu – Valur nozzjonali gross** L-Artikolu 325u CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammonti nozzjonali grossi, kif imsemmi fl-Artikolu 325u(3) CRR, tal-istrumenti msemmijin fl-Artikolu 325u(2) CRR li huma soġġetti għar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskji residwi kif imsemmi fil-paragrafi (1) u (4) tal-Artikolu 325u CRR.
0190	**Rekwiżiti ta' Fondi Proprji** L-Artikolu 325h(4), l-Artikoli minn 325w sa 325ad u l-Artikolu 325u CRR Ir-rekwiżit kapitali ddeterminat skont il-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR għal pożizzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-approċċ standardizzat alternattiv.
0200	**L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju** Il-punt (b) tal-Artikolu 92(3) CRR u l-Artikolu 92(4) CRR

Ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
0010	**Totali (approċċ standardizzat alternattiv)**
0020 – 0080	**Metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet** It-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR
0020	**Riskju ġenerali tar-rata tal-imgħax (GIRR)** Il-punt (b) tal-Artikolu 325d(1) CRR
0030	**Riskju tal-firxa tal-kreditu għal nontitolizzazzjonijiet (CSR)** Il-punt (ii) tal-Artikolu 325d(1) CRR
0040	**Riskju ta' firxiet tal-kreditu għal titolizzazzjoni mhux inkluża fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni alternattiva (non-ACTP CSR)** Il-punt (iii) tal-Artikolu 325d(1) CRR
0050	**Riskju ta' firxiet tal-kreditu għal titolizzazzjoni inkluża fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni alternattiva (ACTP CSR)** Il-punt (iv) tal-Artikolu 325d(1) CRR
0060	**Riskju tal-ekwità (EQU)** Il-punt (v) tal-Artikolu 325d(1) CRR
0070	**Riskju tal-komoditajiet (COM)** Il-punt (vi) tal-Artikolu 325d(1) CRR
0080	**Riskju tal-kambju (FX)** Il-punt (vii) tal-Artikolu 325d(1) CRR
0090 – 0110	**Riskju ta' inadempjenza** It-Taqsima 5 tal-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR
0090	**Nontitolizzazzjonijiet** Is-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR
0100	**Titolizzazzjoni mhux inkluża fil-portafoll alternattiv ta' negozjar ta' korrelazzjoni (non-ACTP)** Is-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR
0110	**Titolizzazzjoni inkluża fil-portafoll alternattiv ta' negozjar ta' korrelazzjoni (ACTP)** Is-Subtaqsima 3 tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR
0120 – 0130	**Riskju residwu** It-Taqsima 4 tal-Kapitolu 1a tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta CRR
0120	**Sottostanti eżotiċi** Il-punt (a) tal-Artikolu 325u(2) CRR
0130	**Riskji residwi oħra** Il-punt (b) tal-Artikolu 325u(2) CRR